MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-9 ta' Awwissu, 2006

Numru. 483/2006

Il-Pulizija
(Sp Jason Agius)
vs
Etienne Mizzi, iben Michael,
imwieled Pieta' fl-10 ta'
ġunju, 1978

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fis-17 ta' mejju, 2006 għal ħabta tat-8.00 p.m., waqt li kien ġol-parking area ta' l-Arjuport Internazzjonali ta' Malta uża vjolenza sabiex iġiegħel lil xi ħadd, u cioe' Joanna Mamo, jagħmel, iħalli jsir, jew jonqos milli jagħmel;
2. talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanżi mingħajr ma dorob jew sawwat, qabad armi oħra kontra Joanna Mamo u Mary Grace Vella u cioe' skieken;

3. talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanżi żamm u ġarr arma li taqta' u bil-ponta mingħajr ma kellu liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija;
4. talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanżi ħebb kontra l-persuna ta' Joanna Mamo sabiex jiġurjaha, idejjaqha jew jagħmillha ħsara;
5. talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanżi kiser il-paċi u l-ordni pubbliku b'għajjat u ġlied;
6. talli sar reċidiv b'diversi sentenżi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenżi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew imħassra;
7. talli kkometta reat li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, waqt il-perjodu operattiv ta' żewġ sentenżi sospiżi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-19 ta' diċembru, 2005;
8. talli kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'sentenżi tal-14 ta' novembru, 2005, tal-4 ta' mejju, 2006 u tal-5 ta' mejju, 2006.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-9 ta' awissu, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 251(1), 338(dd), 339(1)(b)(d), 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 13(1) tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' għaxar xhur (10) priġunerija. Rat iż-żewġ sentenżi li ġġibu d-data tad-19 ta' diċembru, 2005. Rat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali. Tordna li dawn iż-żewġ sentenżi jiġu fis-seħħ u għalhekk tikkundanna lill-imputat għal piena ta' xahar priġunerija fuq kull sentenża. Minħabba ċ-ċirkostanżi ta' dan il-każ tirrakomanda lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva biex jagħti l-għajnuna kollha neċessarja lill-imputat għal

dak li jirrigwarda għajnuna ta’ speċjalisti fil-psikoloġija u fil-psikjatrija minħabba problemi attitudinali ta’ l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------